IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2016
COM(2016) 796 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tal-iskema tal-miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri tal-Eġew (SAI)

1. INTRODUZZJONI

Il-gżejjer minuri tal-Eġew (SAI) tal-Greċja jikkostitwixxu territorju insulari, estremament frammentat u soġġett għal restrizzjonijiet ġeografiċi u naturali serji, mhux popolat ħafna, bi ftit li xejn erja agrikola użata. It-topografija u l-klima tas-SAI huma fatturi li jillimitaw il-produzzjoni agrikola wkoll.

Xi gżejjer huma iżolati ħafna mill-art kontinentali tal-Greċja u jaffaċċjaw problemi ta' insularità doppja jew anki tripla[1]. Dan jaffettwa, fost l-oħrajn, il-provvista ta' prodotti agrikoli essenzjali minħabba l-kostijiet addizzjonali tat-trasport relatati mal-insularità tas-SAI, mad-daqs żgħir u mad-distanza mis-swieq ta' dawn.

Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni speċifika, inkomparabbli mal-art kontinentali tal-UE, is-SAI jibbenefikaw minn miżuri speċjali għall-agrikoltura skont il-Politika Agrikola Komuni (PAK). Apparti mill-appoġġ skont l-ewwel pilastru tal-PAK, is-SAI jibbenefikaw minn skema ta' appoġġ speċifika (skema għas-SAI) li tgħin fil-promozzjoni tal-produzzjoni lokali u tiżgura l-provvista ta' prodotti essenzjali. L-iskema tkopri l-gżejjer kollha tal-Eġew ħlief Evia u Kreta.

Dan ir-rapport għandu l-għan li jevalwa l-applikazzjoni tal-iskema tas-SAI bejn l-2006 u l-2014.

Il-gżejjer tal-Eġew jokkupaw żona mdawra bil-gżira ta' Kreta fin-Nofsinhar, bil-Greċja kontinentali fit-Tramuntana u fil-Punent, u bit-Turkija kontinentali fil-Lvant, u b'kollox ikopru 210 240 km^2. In-numru totali ta' gżejjer u gżejriet tal-Baħar Eġew huwa 7 582 iżda kważi 90% minnhom huma iżgħar minn 10 km^2 u żewġ gżejjer biss, Lesbos u Rodi, jaqżbu erja ta' 1 000 km^2. L-erja totali tal-gżejjer u l-gżejriet Griegi tirrappreżenta 17.1% tat-territorju tal-pajjiż. Fil-maġġoranza tal-gżejjer jgħixu komunitajiet żgħar ta' anqas minn 5 000 abitant permanenti, ħlief għal ftit gżejjer li għandhom superfiċje relattivament kbira u li fihom bejn 10 000 u 40 000 abitant, bħal Lesbos, Chios, Samos, Kos, jew Rodi li għandha aktar minn 100 000 abitant.

2. SAI: ORIĠINI, EVOLUZZJONI U QAFAS LEGALI

L-oriġini tal-iskema speċjali tas-SAI hija datata lura għall-1993 meta l-problemi partikolari affaċċjati mis-setturi agrikoli fis-SAI minħabba n-natura remota u insulari tagħhom kienu rikonoxxuti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93[2].

Mill-ħolqien tagħha fl-1993, saru xi tibdiliet fl-iskema. Fir-riforma tal-PAK tal-2003, il-Greċja ddeċidiet li tapplika l-Iskema ta' Pagament Uniku (SPU) għall-pajjiż sħiħ mill-1 ta' Jannar 2006. Fl-2006, ir-regolament bażiku ġie sostitwit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006[3], li ma biddilx l-objettivi jew il-miżuri speċifiċi għas-SAI. Madankollu, introduċa approċċ ta' programmazzjoni, li fisser li l-appoġġ tas-SAI huwa stabbilit fi programm annwali stabbilit mill-awtoritajiet nazzjonali u sottomess lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni u ġestit mill-Greċja.

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-2013, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 ġie sostitwit bir-Regolament (KE) Nru 229/2013[4] tal-Parlament

[1] Insularità multipla tfisser li ma hemm ebda konnessjoni diretta tat-trasport bejn il-gżejjer u l-art kontinentali, u b'hekk il-provvisti jinġiebu permezz ta' gżejjer oħrajn.

[2] ĠU L 184, 27.7.1993, p. 1.

[3] ĠU L 265, 26.9.2006, p. 1.

[4] ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41.

Ewropew u tal-Kunsill u ġew adottati, rispettivament, l-Atti Delegati u ta' Implimentazzjoni, ir-Regolament (UE) Nru 178/2014 u r-Regolament (UE) Nru 181/2014[5].

L-iskema tas-SAI hija ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG). Ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 jistabbilixxi limitu massimu annwali tal-programm għal EUR 23.93 miljuni fis-sena. Barra minn hekk, il-Greċja tipprovdi finanzjament nazzjonali ulterjuri (EUR 0.547 miljun). Id-dettalji tal-implimentazzjoni finanzjarja bejn l-2006 u l-2014 huma ppreżentati fl-Anness għal dan ir-rapport.

Għad li l-iskema tas-SAI tħaddem l-istess approċċ bħall-iskema tal-POSEI[6] (objettivi, struttura u ġestjoni finanzjarja) minn perspettiva regolatorja, l-iskema tas-SAI hija amministrata b'mod separat mill-iskema tal-POSEI.

Għall-kuntrarju tal-iskema tal-POSEI, li tieħu post l-ewwel pilastru tal-PAK (pagamenti diretti), l-iskema tas-SAI tikkostitwixxi appoġġ addizzjonali għas-SPU li jkopri l-ġejjer tal-Eġew u l-bqija tal-Greċja taħt l-ewwel pilastru tal-PAK, sabiex tindirizza l-problemi speċifiċi li jaffettwaw dawn il-ġejjer.

3. BAŻI LEGALI TAR-RAPPORT

L-Artikolu 20(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 229/2013 jistpula li "*Sal-31 ta' Diċembru 2016, u sussegwentement kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ġenerali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li juri l-impatt tal-azzjoni meħuda skont dan ir-Regolament, flimkien ma' proposti adegwati, fejn applikabbli*".

Ir-rapport ta' implimentazzjoni attwali jqis b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-programm sas-sena finanzjarja 2014 u l-ħidma tal-evalwatur estern (ADE: Analiżi għad-Deċiżjoni Ekonomika) fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-miżuri implimentati skont l-iskema tal-POSEI/SAI, imwettqa bħala parti mill-programm REFIT. Il-ħidma tal-evalwatur estern twettqet minn Ġunju tal-2015 sa Awwissu tal-2016. L-eżerċizzju ta' evalwazzjoni se jitlesta b'mod formali bit-tħejjija ta' Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mis-servizzi tal-Kummissjoni.

4. L-AGRIKOLTURA FIL-ĠEJJER MINURI TAL-EĠEW

B'mod ġenerali, il-Gżejjer Minuri tal-Eġew (SAI) huma gżejjer muntanjużi u b'ħafna għoljiet influwenzati minn klima Mediterranja kkaratterizzata minn sjuf xotti u sħan b'riskju ta' nixfiet u ta' xtiewi qosra b'xita spissa.

Il-karatteristiċi ġeografiċi, il-kundizzjonijiet klimatiċi u l-istruttura soċjoekonomika tas-SAI jġibu magħhom ċerti żvantaġġi għall-attività u għall-produzzjoni agrikola tal-ġejjer. Il-ġejjer qed jaffaċċjaw abbandun gradwali tal-art u, eventwalment, tiċkin tas-soċjetajiet lokali minħabba li l-art agrikola tagħhom tinsab primarajment f'żoni semimarġinali jew marġinali.

Il-ġejjer huma maqsumin fir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Eġew (li jikkonsistu fil-ġejjer Cyclades u Dodecanese) u fir-reġjun tat-Tramuntana tal-Eġew (li fih disa'

[5] ĠU L 78 tal-20.3.2013; atti delegati u ta' implimentazzjoni: ĠU L 63, 4.3.2014.

[6] rigward miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-Unjoni

gżejjer abitati: Lesbos, Lemnos, Efstratios, Chios, Psara, Inousses, Samos, Ikaria, u Fournoi).

L-agrikoltura għandha rwol importanti fil-ħajja ekonomika **tar-reġjun tat-Tramuntana tal-Eġew**. Is-settur agrikolu huwa responsabbli għal aktar minn 21% tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) reġjonali, u jħaddem 12.2% mill-forza tax-xogħol attiva tar-reġjun (2013). L-erja agrikola użata (EAU) fl-2010 kienet ta' 168 610 ettari, li jirrappreżentaw 44% mill-erja totali. It-tiċkin tas-settur huwa attribwit għal fatturi relatati mal-istruttura tiegħu u għal problemi relatati mal-provvista ta' prodotti agrikoli fil-gżejjer, maż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, mar-rata baxxa ta' tisqija u ma' sehem akbar ta' art mistrieħa.

L-attivitajiet agrikoli jinkludu l-produzzjoni tal-għelejjel (deru[7], siġar taż-żebbuġ, dwieli, siġar taċ-ċitru, u ċereali) u t-trobbija tal-bhejjem (trobbija tan-naħal, u t-trobbija ta' nagħaġ, ta' mogħoż u ta' bhejjem tal-ifrat). Id-daqs medju tal-farms huwa żgħir (madwar 5 ettari ta' EAU għal kull azjenda agrikola fl-2013).

Fir-rigward **tar-reġjun tan-Nofsinhar tal-Eġew**, is-settur agrikolu huwa relattivament limitat u ma jissodisfax il-ħtiġijiet nutrizzjonali tar-reġjun, li jeħtieġ provvisti sostanzjali mill-bqija tal-Greċja u barra l-pajjiż. Dan il-fenomenu jintensifika partikolarment fix-xhur tas-sajf minħabba d-domanda akbar mill-attivitajiet turistiċi. Id-diskontinwità ġeografika tar-reġjun u d-disparitajiet intrareġjonali intensi joħolqu karattru mhux tas-soltu li ma jgħinx lill-iżvilupp tas-settur primarju. Il-klima xotta b'ammont baxx ta' xita flimkien mad-disponibilità limitata ta' art u l-art muntanjuża jxekklu l-iżvilupp tal-agrikoltura u, b'hekk, is-sostenibbiltà tal-gżejjer individwali. Minkejja dan, is-settur primarju jħaddem 6.1% tal-forza tax-xogħol bi staġjonalità b'saħħitha u sottoimpjieg (data tal-2013). L-EAU tar-reġjun hija ta' 106 080 ettaru u tirrappreżenta 16.7% tal-erja tas-superfiċje tal-art totali (data tal-2010).

5. OBJETTIVI, SKEMA U PROGRAMMAZZJONI

L-objettivi tal-iskema tas-SAI elenkati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 229/2013 huma kif ġej:

- il-garanzija tal-provvista ta' prodotti essenzjali lill-gżejjer minuri għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar u bħala inputs agrikoli billi jittaffew l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-insularità u miċ-ċokon tagħhom u mid-distanza tagħhom mis-swieq;
- il-preservazzjoni u l-iżvilupp tal-attivitajiet agrikoli fil-gżejjer minuri, inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u t-trasport tal-prodotti lokali kemm ipproċessati kif ukoll mhux ipproċessati.

Għal dan l-għan, il-programm huwa msawwar minn żewġ tipi ta' appoġġ: Arranġamenti ta' Provvista Speċifiċi (SSA) u Appoġġ għall-Produzzjoni Lokali (SLP), it-tnejn iffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG).

5.1. Arranġamenti Speċifiċi ta' Provvista

L-appoġġ għall-SSA huwa l-għotja mogħtija għall-provvista ta' prodotti agrikoli mill-UE u jikkonċerna primarjament l-għalf tal-annimali u sa ċertu punt anqas dqiq

[7] Id-deru huwa raża miksuba mis-siġar tad-deru prodott fuq il-gżira ta' Chios b'Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta, użata għall-produzzjoni ta' likuri u ta' ħelu.

għall-konsum mill-bniedem. Il-prodotti ewlenin għall-għalf tal-annimali huma l-qamħirrum u l-pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi oħrajn minn xaħmijiet jew minn żjut veġetali, filwaqt li l-prodott ewlieni appoġġjat għad-dqiq huwa l-qamħ jew id-dqiq tal-meslin.

L-SAI huma maqsumin f'żewġ gruppi b'appoġġ differenzjat skont l-ispejjeż addizzjonali tal-periferiċità: Il-Grupp A jinkludi gżejjer eqreb l-art kontinentali u l-Grupp B jinkludi l-aktar gżejjer periferiċi li jirrappreżentaw madwar tliet kwarti mill-SAI.

Il-benefiċjarji tal-appoġġ għas-SAI huma:

- għall-għalf tal-annimali: organizzazzjonijiet ta' kooperattivi agrikoli, kooperattivi agrikoli indipendenti, bdiewa u negozjanti; u
- għad-dqiq: negozjanti tad-dqiq u furnara.

Il-Greċja allokat EUR 5.47 miljuni fis-sena għal din il-miżura (23% tal-allokazzjoni finanzjarja annwali) li hija anqas mil-limitu ta'EUR 7.11 miljuni stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 229/2013 dwar is-SAI.

Ta' min jgħid li filwaqt li l-iskema tal-POSEI tibbenefika skont l-SSA minn eżenzjoni mid-dazji tal-importazzjoni għal prodotti li jiġu minn pajjiżi terzi, l-iskema tas-SAI ma tibbenefikax minn dan il-mekkaniżmu ta' deroga mill-arranġamenti doganali tal-Unjoni.

5.2. Sostenn għall-produzzjoni lokali

L-iskema tal-SLP għandha l-għan li tiżviluppa l-produzzjoni agrikola lokali u l-provvista ta' prodotti agrikoli permezz ta' miżuri relatati mal-produzzjoni, mal-ipproċessar u mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli lokali. Fil-programm ġie definit numru ta' prodotti kkaratterizzati bħala tradizzjonali u importanti għas-SAI. Il-Greċja assenjat għall-SLP medja ta' madwar EUR 19-il miljun fis-sena. Il-benefiċjarji tal-appoġġ huma l-produtturi agrikoli jew l-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

5.3. Approċċ programmatiku u ta' sħubija

Kemm il-miżuri tal-SSA kif ukoll tal-SSP huma definiti fid-dettall mill-awtoritajiet Griegi fil-programm. Il-programm jirrifletti l-prijoritajiet stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali għas-settur agrikolu tagħhom f'kooperazzjoni msaħħa mal-partijiet ikkonċernati. Jekk ikun hemm bżonn, il-programm jista' jiġi mmodifikat ta' kull sena skont l-Artikolu 32 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 181/2014.

Kull sena, sat-30 ta' Settembru, il-Greċja tinnotifika r-rapport annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-programm fis-sena preċedenti skont l-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) Nru 181/2014.

6. L-EŻEKUZZJONI FINANZJARJA

L-eżekuzzjoni finanzjarja għall-perjodu analizzat u d-distribuzzjoni tal-ammonti bejn l-SLP u l-SSA huma ppreżentati fl-Anness. Il-miżuri tal-SLP jirrappreżentaw il-maġġoranza (74%-79%) tal-infiq.

Fuq il-bażi tar-rapporti ta' implimentazzjoni annwali pprovduti mill-Greċja, jista' jiġi osservat li r-rata ta' eżekuzzjoni totali baqgħet relattivament għolja matul il-perjodu 2007-2014 u varjat bejn 85% u 94% kif muri fil-Figura 1.




Figura 1: L-infiq annwali għall-iskema tas-SAI għal kull miżura (EUR miljun) (Sors: ADE bbażata fuq ir-rapporti ta' implimentazzjoni annwali)

7. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISKEMA

Bejn l-2007 u l-2014, il-Greċja nefqet fuq l-SLP bejn EUR 15.4 miljuni u EUR 17.8 miljuni fis-sena. 61% tal-fondi totali għall-SLP fil-perjodu 2007-2014 intużaw bħala appoġġ għal **siġar taż-żebbuġ** (l-għajnuna fil-fatt naqset minn EUR 11.4 miljuni fl-2007 għal EUR 8.7 miljuni fl-2014). Setturi importanti oħrajn kienu: **l-inbid** (11% tal-infiq tal-SLP bi tnaqqis minn EUR 2.2 miljuni fl-2007 għal EUR 1.2 miljuni fl-2014)**, il-produzzjoni tal-ġobon tradizzjonali** (9% tal-fondi tal-SLP minfuqa, żieda bejn l-2009 u l-2014 minn EUR 1.7 miljuni għal EUR 2.6 miljuni), **l-apikultura** (7% tal-fondi minfuqa, nefqiet stabbli ta' madwar EUR 1.2 miljuni) **u d-deru** (6% tal-fondi tal-SLP, żieda minn EUR 0.9 miljuni għal EUR 1.1 miljuni).

Rigward l-SSA, bejn l-2007 u l-2014 il-baġit annwali totali għall-SSA kien stabbilit għal EUR 5.47 miljuni u n-nefqa totali annwali varjat bejn EUR 4.8 miljuni u EUR 5.3 miljuni. Kważi 95% tal-għajnuna tal-SSA ntużat għall-oġġetti tal-ikel għall-annimali u madwar 5% għad-dqiq.

8. VALUTAZZJONI TAL-PROGRAMM

8.1. Garanzija tal-provvista għall-prodotti agrikoli

L-objettiv ta' garanzija tal-provvista ta' prodotti essenzjali għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar u bħala inputs agrikoli billi jittaffew l-ispejjeż addizzjonali mġarrba fil-parti l-kbira nkiseb b'suċċess, l-aktar għall-għalf tal-annimali. Bejn l-2011 u l-2014, ir-rata ta' kopertura fuq il-ħtiġijiet tal-provvista totali tas-SAI kienet ta' aktar minn 100% għall-għalf tal-annimali u parzjalment insuffiċjenti għad-dqiq (madwar 57% fl-2014). Huwa osservat tnaqqis għall-għalf tal-annimali għall-Grupp ta' gżejjer A (-26%). Madankollu, dan il-grupp kien jirrappreżenta 6% biss mill-volum totali tal-għalf tal-annimali fl-2014. Dan huwa dovut l-aktar għat-tendenza ta' tnaqqis fin-numri ta' annimali u għal preferenza ta'

għalf tal-annimali standardizzat fost il-bdiewa li jrabbu l-bhejjem. Ir-rata ta' kopertura tad-dqiq hija anqas għall-gżejjer tal-Grupp B u naqset b'27% tul il-perjodu.

8.2. Il-koerenza bejn l-SSA u l-SPL

B'mod ġenerali, l-istrumenti tal-SSA u tal-SPL ġew implimentati b'mod koerenti. Ma hemm ebda inkoerenza interna bejn l-implimentazzjoni tal-SSA u tal-SLP, peress li l-prodotti appoġġjati mill-SSA (dqiq u għalf tal-annimali) mhumiex prodotti lokalment.

8.3. Iż-żamma tal-attivitajiet tal-produzzjoni agrikola

Fil-parti l-kbira l-attivitajiet ta' produzzjoni agrikola appoġġjati nżammew f'termini ta' erja (ettari) jew volum (tunnellati) - bl-eċċezzjoni taż-żebbuġ, il-produzzjoni agrikola ewlenija appoġġjata mill-parti tal-SLP tal-programm. Is-superfiċji kkultivati bis-siġar taż-żebbuġ naqsu b'21% bejn l-2007 u l-2014, filwaqt li l-produzzjoni taż-żebbuġ prodott naqset anqas, u ċkienet bi 8% (jiġifieri l-produttività żdiedet) iżda hija esposta għal varjazzjonijiet annwali qawwijin. Il-produzzjoni tal-inbid naqset ukoll, tant ieħor is-superfiċji tad-dwieli. Attivitajiet tal-produzzjoni oħrajn, bħal dawk relatati mad-deru, mal-apikultura jew mal-produzzjoni tal-ġobon tradizzjonali żdiedu bi ftit.

L-iskema tas-SAI, li primarjament tappoġġja l-kostijiet operatorji (produzzjoni, ipproċessar u kummerċjalizzazzjoni), kellha impatt limitat fuq it-titjib tal-kompetittività tal-prodotti agrikoli tradizzjonali. Għall-kuntrarju, il-kompetittività fil-parti l-kbira bbenefikat minn strumenti ta' appoġġ oħrajn, speċjalment mill-PŻR.

8.4. Il-kontribuzzjoni għall-objettivi tal-PAK

L-iskema tas-SAI kkontribwixxiet għall-objettivi ġenerali tal-PAK:

8.4.1. Produzzjoni vijabbli tal-ikel

Il-programm ikkontribwixxa għall-produzzjoni vijabbli tal-ikel billi ffaċilita ż-żamma tal-livelli ta' produzzjoni f'ħafna mis-setturi, u b'hekk appoġġja l-istabbiltà tad-dħul tal-bdiewa. Madankollu, peress li l-iskema tas-SAI hija appoġġ addizzjonali għall-attivitajiet tal-produzzjoni speċifiċi għall-SPU applikata fl-SAI, l-impatt tagħha fuq id-dħul tal-bdiewa jkun anqas importanti milli fir-reġjuni li jibbenefikaw mill-POSEI u mhux koperti mill-SPU. Finalment, l-evalwazzjoni esterna tindika li billi allokat l-għajnuna permezz tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi u billi appoġġjat id-diversi stadji tal-katina tal-valur, l-iskema tas-SAI kkontribwiet għad-disponibbiltà tal-prodotti magħmulin lokalment bi prezzijiet aktar affordabbli.

8.4.2. Ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali

L-iskema tas-SAI kkontribwiet ukoll għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali permezz tar-regoli dwar il-kundizzjonalità, li japplikaw għall-pagamenti u jagħmlu rabta bejn dawn il-pagamenti u r-rispett mill-bidwi ta' sett ta' regoli statutorji tal-UE għall-ambjent u għas-saħħa pubblika, tal-annimali u tal-pjanti.

Barra minn hekk, l-iskema tikkontribwixxi wkoll għall-ġestjoni sostenibbli ta' riżorsi naturali billi tappoġġja ż-żamma ta' għelejjel b'impronti ambjentali baxxi. Il-produzzjonijiet appoġġjati jistgħu jiddependu fuq sistemi tal-produzzjoni estensivi, li relattivament ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. L-użu

ta' pestiċidi huwa limitat ħafna għat-tkabbir taż-żebbuġ. It-trobbija tan-naħal ikkontribwiet għall-preservazzjoni tal-flora sensittiva tal-gżejjer. Kultivazzjoni oħra, bħas-siġar tad-deru, id-dwieli jew ix-xgħir ikkontribwiet għall-protezzjoni tal-pajsaġġ u tal-ambjent naturali.

Madankollu, għandhom jiġu żviluppati aktar il-prattiki tal-biedja sostenibbli, inkluż billi tissaħħaħ il-kompetittività mhux tal-prezzijiet[8], li tinkludi firxa wiesgħa ta' elementi bħall-kwalità tal-prodotti (produzzjoni organika jew tikketti u ċertifikazzjoni oħra), il-vantaġġ teknoloġiku, ir-rekwiżiti ambjentali, eċċ. Id-differenzazzjoni tal-prodotti permezz tal-kompetittività mhux tal-prezzijiet tista' tkun irrakkomandata (żejt taż-żebbuġa, inbid DOP, eċċ.) meta mqabbla ma' komoditajiet konvenzjonali li s-SAI ma għandhom ebda vantaġġ komparattiv għalihom.

8.4.3. Żvilupp territorjali bbilanċjat

Rigward il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp territorjali bbilanċjat, il-programm tas-SAI jappoġġja b'mod partikolari l-attivitajiet tal-produzzjoni li jinsabu f'żoni aktar periferiċi. L-okkupazzjoni territorjali hija vitali sabiex jiġu evitati d-depopolazzjoni u d-dipendenza fuq it-turiżmu.

Ir-raġunijiet għall-appoġġjar tal-produzzjoni tad-deru, tas-siġar taż-żebbuġ u tax-xgħir huma relatati mal-iżvilupp territorjali tar-reġjun. B'mod aktar speċifiku, il-kultivazzjoni tad-deru tikkontribwixxi għall-konservazzjoni tal-ambjent naturali speċjali. L-appoġġ għandu wkoll l-għan li jipprevjeni l-abbandun tal-art u li jħares l-ambjent. L-għajnuna tas-SAI kkontribwiet għall-iżvilupp ta' żoni rurali permezz ta' erba' kanali: (i) iż-żamma ta' żoni kkultivati u ta' farms; (ii) l-impjiegi (iii) l-implimentazzjoni ta' politiki ta' ġestjoni tal-art soċjostrutturali speċifiċi f'ħafna mir-reġjuni u (iv) b'mod indirett permezz ta' kundizzjonalità, ta' appoġġ għall-prattiki tal-biedja ekoloġiċi.

8.4.4. Sinerġija ma' miżuri oħrajn tal-PAK

Hemm koerenza kbira bejn il-programm tas-SAI u l-Programmi tal-Iżvilupp Rurali (it-tieni pilastru tal-PAK). Din hija kruċjali għall-kisba tal-objettivi tal-PAK, fid-dawl tal-interdipendenza b'saħħitha bejn iż-żewġ tipi ta' appoġġ.

Is-sinerġiji bejn l-iskema tas-SAI, il-PŻR u l-appoġġ nazzjonali jeżistu fir-rigward ta' kwistjonijiet bħat-taħriġ, il-bidu tax-xogħol ta' bdiewa żgħażagħ u l-investimenti appoġġjati mill-PŻR u l-produzzjoni appoġġjata mill-SAI. Prattiki tal-biedja sostenibbli lil hinn mill-kundizzjonalità huma mħeġġa mill-PŻR, inkluż għal produzzjoni appoġġjata mill-SAI. Investimenti fl-agroindustriji huma appoġġjati mill-PŻR ukoll, kif ukoll it-taħriġ għal persuni attivi fis-settur tal-ikel agrikolu. L-iskema tas-SAI tappoġġja l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-istess bdiewa u tal-agroindustriji. Il-koerenza mal-appoġġ nazzjonali u ma' miżuri oħrajn tal-PAK (inbid, frott u ħxejjex) hija b'saħħitha wkoll, iżda trid issir aktar espliċita fid-dokumenti ta' programmazzjoni.

[8] Kompetittività mhux tal-prezzijiet jew strutturali hija l-kapaċità li ssir distinzjoni minn prodotti u/jew servizzi oħra permezz ta' vantaġġi kompetittivi apparti l-prezz. Il-bini ta' dawn it-tipi ta' vantaġġi kompetittivi huwa bbażat fuq il-perċezzjonijiet tal-klijenti dwar il-provvista.

8.5. Ir-rilevanza tal-iskema tas-SAI

L-analiżijiet twettqu sabiex tiġi stabbilita l-kapaċità tal-miżuri attwali tal-PAK (l-iskema ta' pagament bażiku introdotta mir-riforma tal-PAK tal-2013) sabiex ikopru l-ħtieġa speċifika tas-SAI. L-analiżijiet urew li dawk il-ħtiġijiet tas-SAI ma setgħux jiġu koperti bis-sħiħ mill-miżuri attwali tal-PAK. Mingħajr l-iskema speċifika tas-SAI, ir-riskju ta' abbandun tal-produzzjoni jista' jaffettwa b'mod negattiv il-kopertura ta' ċerti ħtiġijiet speċifiċi bħall-impjiegi, kwistjonijiet ambjentali jew id-dimensjoni territorjali tas-SAI.

8.6. Il-valur miżjud tal-UE

Kif diġà deher fil-punt 8.5, l-istrumenti attwali tal-PAK mhumiex adattati għalkollox għas-SAI. L-iskema tas-SAI tippermetti li jiġu indirizzati aħjar l-isfidi affaċċjati minn dawk il-gżejjer żgħar, speċjalment permezz ta' programmazzjoni mmirata, li tipprovdi għall-adattament rapidu tal-għajnuniet għal sitwazzjonijiet speċifiċi.

Fil-livell tal-politika, il-valur miżjud tal-UE huwa primarjament ivvalutat b'mod pożittiv għaliex l-iskema hija rikonoxximent tal-fatt li numru ta' ostakoli serji jeħtieġu miżuri speċifiċi. L-iskema tas-SAI wriet ukoll li hija siewja f'termini tal-implimentazzjoni tal-kwalità u tar-rekwiżiti ambjentali. Fil-livell tad-disinn u tal-implimentazzjoni tal-programmi, uriet li hija pożittiva wkoll f'termini tal-flessibilità mogħtija lill-Greċja sabiex tiddefinixxi l-programm tagħha, fuq il-bażi tal-ħtiġijiet speċifiċi. Iffavoriet ukoll kultura ta' ġestjoni aktar ibbażata fuq ir-riżultati.

8.7. L-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-programm

B'mod ġenerali l-programm huwa ġestit tajjeb. Jirriżultaw xi diffikultajiet mill-fatt li l-proċedura sabiex wieħed japplika u jirċievi l-appoġġ hija mifruxa fuq diversi awtoritajiet tal-gżejjer/tal-art kontinentali u maniġerjali. Il-piż amministrattiv huwa meqjus relattivament simili meta mqabbel mal-perjodu ta' evalwazzjoni preċedenti mill-benefiċjarji u mill-awtoritajiet maniġerjali.

L-istrateġija għal kull settur tal-produzzjoni għandha tkun aktar iddettaljata fil-programm, inkluż bl-iżvilupp ulterjuri ta' indikaturi speċifiċi li jridu jiġu rrapportati fl-AIR. Anki l-kontribuzzjoni tal-iskema għall-objettivi ġenerali tal-PAK għandha ssir aktar espliċita fil-programm u tintrabat mal-objettivi kkwantifikati speċifiċi.

Ir-rapporti ta' implimentazzjoni annwali (AIR) tjiebu, speċjalment fl-aħħar snin. L-AIR rigward, fost l-oħrajn, l-indikaturi tal-prestazzjoni komuni, id-data soċjoekonomika u l-implimentazzjoni finanzjarja b'mod ġenerali jikkorrispondu għar-rekwiżiti tal-Artikolu 31(1)a)-m) tar-Regolament (UE) Nru 181/2014. Madankollu, ġew identifikati xi problemi fir-rigward tal-ġbir tad-data neċessarja għall-mili tal-indikaturi tal-prestazzjoni.

Il-kontenut tal-AIR kif definit fl-Artikolu 39(1) ta' dan ir-Regolament għandu jiġi ċċarat u ssimplifikat sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' rapportar.

8.8. Il-prestazzjoni globali

L-isfidi speċifiċi affaċjati mill-SAI huma indirizzati b'mod dirett mill-programm permezz ta' kontribuzzjoni għad-dħul tal-bdiewa:

Il-periferiċità u l-insularità tas-SAI jimplikaw kostijiet tal-provvista ġenerali ogħla minħabba kostijiet tat-trasport ogħla. L-appoġġ tal-SSA jtaffi dawk il-kostijiet. F"ċerti żoni periferiċi li jaffaċċjaw problemi ta' insularità doppja jew anki tripla, peress li mhux il-gżejjer kollha huma mqabbdin ma' portijiet tal-art kontinentali, l-

appoġġ tas-SAI għall-produzzjoni agrikola huwa essenzjali għaż-żamma tal-attivitajiet ekonomiċi.

It-topografija kumplessa (l-irqajja' żgħar, il-pajsaġġ b'ħafna għoljiet u muntanjuż) tillimita l-irqajja' tal-art, u dan jimplika daqs iżgħar għall-azjendi agrikoli, li jwassal għal kostijiet tal-produzzjoni ogħla u jxekkel l-ekonomiji ta' skala. **Id-daqs żgħir** tat-territorji jfisser li r-raba' hija skarsa. Is-SAI huma wkoll soġġetti għal **eventi klimatiċi avversi** (nixfiet) li jaffettwaw il-produzzjoni agrikola.

L-iskema tas-SAI tgħin sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi. L-effetti tal-programm huma msaħħin minn sinerġiji u minn komplimentarjetajiet, b'mod partikolari mal-PŻR u mal-appoġġ nazzjonali.

9. SUĠĠERIMENTI GĦAL TITJIB

9.1. L-emendi proposti għar-regolament tal-UE

Il-valutazzjoni tal-iskema deskritta fil-punt 8 turi li modifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 229/2013 mhijiex meqjusa bħala neċessarja.

Kif diġà ntqal fil-punt 8.7, l-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) Nru 181/2014 għandu jiġi emendat sabiex tiġi ssimplifikata l-lista ta' elementi li jridu jiġu inklużi fl-AIR.

9.2. Rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru

L-appoġġ skont il-programm tas-SAI jikkostitwixxi skema speċifika għall-PAK. Sabiex titjieb l-effiċjenza tiegħu, l-awtoritajiet Griegi għandhom itejbu d-disinn tal-programm filwaqt li jqisu l-objettivi ġenerali tal-PAK f'koerenza mal-istrateġija rispettiva għas-settur agrikolu għar-reġjun. L-objettivi ġenerali għandhom jiġu ċċarati fuq il-bażi tal-objettivi kkwantifikati u bl-indikaturi adegwati.

Ir-rapportar dwar il-programm għandu jittejjeb, speċjalment sabiex jinforma aħjar dwar il-kisba tal-objettivi u billi jiġu integrati l-indikaturi tal-prestazzjoni fl-analiżijiet.

L-aspetti territorjali diġà huma komponent importanti fil-programm attwali tas-SAI u jikkorrispondu għal ħtiġijiet lokali partikolari ħafna. Iwieġbu għat-tielet objettiv tal-PAK ta' żvilupp territorjali bbilanċjat. Madankollu, dan għandu jsir aktar espliċitu fil-programm.

L-għażla f'termini tal-ħsieb wara l-SSA (l-allokazzjoni bejn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti: bħala inputs agrikoli u għall-konsum mill-bniedem) għandha ssir espliċita. L-awtoritajiet Griegi għandhom ikomplu jissorveljaw l-importazzjonijiet u r-rati ta' kopertura lokali.

Barra minn hekk, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet Griegi jkomplu jsaħħu l-koerenza mal-PŻR sabiex jippromwovu l-kompetittività.

Il-Greċja għandha tkompli tiżviluppa prattiki tal-biedja sostenibbli, inkluż billi ssaħħaħ il-kompetittività mhux tal-prezzijiet.

10. KONKLUŻJONIJIET

Il-prestazzjoni ġenerali tal-iskema tas-SAI bejn l-2006 u l-2014 tista' tiġi vvalutata bħala pożittiva fir-rigward tal-ħila tagħha li tindirizza l-isfidi partikolari relatati mal-agrikoltura assoċjati mal-post ġeografiku speċifiku tal-Gżejjer Minuri tal-Eġew. L-

SLP iffaċilita ż-żamma tal-attivitajiet tal-produzzjoni agrikola u l-SSA naqqas id-differenza fil-prezz tal-prodotti appoġġjati fl-SAI meta mqabblin mal-art kontinentali.

Barra minn hekk, l-iskema tas-SAI, li tikkostitwixxi għajnuna addizzjonali għall-pagamenti diretti, hija konsistenti mal-objettivi tal-PAK. Mingħajr l-iskema speċifika tas-SAI u l-appoġġ limitat għar-regoli tal-PAK kif miftiehma fir-riforma tal-2013 (pagamenti diretti), is-sitwazzjoni tkun tirriżulta fl-abbandun tal-produzzjoni, li jista' jħalli effett negattiv fuq l-impjiegi, l-ambjent jew id-dimensjoni territorjali tas-SAI.

L-iskema tas-SAI ilha taħdem mingħajr intoppi kemm ilu li ddaħħal l-approċċ ta' programmazzjoni. Il-Kummissjoni tqis li ġiet implimentata b'mod effiċjenti u effettiv u li twieġeb għall-ħtiġijiet tas-SAI b'mod sodisfaċenti. Il-pakkett finanzjarju allokat għall-iskema għen biex jiġu ssodisfati l-objettivi ġenerali tal-iskema. Għaldaqstant huwa rakkomandat li jinżamm ir-regolament bażiku attwali.

Ir-regolament ta' implimentazzjoni għandu jiġi mmodifikat sabiex jiġi ċċarat ir-rapportar tal-programm. Il-Greċja hija mistiedna wkoll tqis ir-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet ta' dan ir-rapport u tadatta l-programm tas-SAI sabiex tkompli ttejjeb l-effikaċja tal-applikazzjoni tal-miżuri u s-segwitu tal-programm u sabiex issaħħaħ il-komplimentarjetà ma' strumenti ta' appoġġ oħrajn tal-PAK.

Anness: L-eżekuzzjoni finanzjarja tal-programm tas-SAI bejn l-2007 u l-2014